MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 253/2011

**A B**
**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil hamsa u ghoxrin(25) ta' April tas-sena elf, disa mija u sebgha u tmenin (1987) **(DOK A)** u isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000)**(DOK A);**

Illi jirrisulta mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni li il-partijiet ilhom separati legalment ghall ta' mill inqas erba' snin mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni **;**

Illi ma hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din it-talba tissoddisfa ir-rekwisiti previsti mill- artikolu 66B;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti ghandu jinhall ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti id-Digriet opportun;
2. Tordna lir Registratur tal-Qrati sabiex jinnotifika id-Digriet li permezz tieghu qed jinhall iz-zwieg tal-partijiet lid-Direttur tar Registru Pubbliku ta' Malta f'terminu li jigi lilu stabbilit minn dinn l-istess Qorti sabiex jigi iskritt fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-Intimata.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2011;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat 1 ta' Settembru 2000;

Rat illi l-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin fil-kuntratt tas-separazzjoni;

Semghet lill-intimat C D jobbliga ruhu fix-xiehda tieghu bil-gurament illi jibqa imantni lil ibnu sa kemm ibnu itemm il-kors illi qieghed jaghmel fl-universita ta' Malta u semghet lir-rikorrenti tiddikjara bil-gurament taghha illi hija

sodisfatta illi l-intimat hekk ser jaghmel ghaliex huwa dejjem hallas il-manteniment dovut minnu puntwalment;

Rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet skond kif xehdu l-istess partijiet bil-gurament taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------